

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.6622 – Banco Santander/Kredyt Bank/Zagiel)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 196/11)

1. Fil-21 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Banco Santander ("Banco Santander", Spanja) takkwista, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll kollu tal-impriżi Kredyt Bank SA ("KB", il-Polonja) u Zagiel SA ("Zagiel", il-Polonja), it-tnejn preżentement ikkontrollati minn KBC bank NV (l-Olanda), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Banco Santander: il-kumpanija ewlenja ta' grupp internazzjonali ta' banek u kumpaniji finanzjarji li joperaw fi Spanja u internazzjonally,
- għal KB: bank universali Pollakk li jipprovd firxa sħiħa ta'servizzi lil klijenti individwali u korporattivi, kif ukoll bħala servizzi ta' kustodja u attivitajiet ta' investimenti,
- għal Zagiel: intermedjaru li jsellef li joffri lill-konsumaturi self fi flus kontanti u permezz ta' pagamenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejл l'il COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6622 – Banco Santander/Kredyt Bank/Zagiel, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet”).
⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 (“Avviż ta’ proċedura simplifikata”).